# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar L-Erbgha, 19 ta' Gunju 2002.**

**Numru 4**

**Citaz. Nru 533/90 DS**

Dottor Remigio Zammit Pace bhala Segretarju in rapprezentanza tas-socjeta` Cassar & Cooper (Shipping & Insurance) Ltd. dina rapprezentanti s-socjeta` estera Gracechurch Containers Line Ltd.

vs

Alfred E. Aquilina u Godwin Abela bhala Diretturi in rapprezentanza tas-socjeta` The Cargo Handling Co. Ltd.

Illum, 19 ta' Gunju 2002

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fis-16 ta' Mejju 1990 li permezz taghha l-attur nomine wara li ppremetta:

Illi s-socjeta' konvenuta, fix-xoghol ta' taghbija ta' "containers" ghal fuq il-bastiment "Gracechurch Harp" fit-30 ta' Novembru 1989, uzat "spreader" propjeta' tas-socjeta' konvenuta, li ma kienx adegwat ghall-irfiegh ta' "containers" ta' erbghin pied (40'), jew kellu xi difett li jirrendieh mhux adegwat ghalhekk;

Illi mhabba f'illi dan l-istes "spreader" ceda waqt li l-"container" waqa' u gie fuq zewg "containers" ohra u saret hsara kbira tant fih kemm fil-"containers" l-ohra;

Illi s-socjeta' attrici, Gracechurch Containers Limited, propjetarja tat-tliet "containers" sofriet danni mhux biss fil-hsara ta' l-istess "containers" imma anke fit-telf ta' qliegh minnhom waqt li kienu weqfin ghat-tiswija;

Illi s-socjeta' attrici, inkorriet fl-ispiza ta' tminn mija u sittin lira Maltin (Lm860.00) ghat-tiswija tal-"containers";

Illi s-socjeta' konvenuta, interpellata biex taghmel tajjeb ghal hsara u ghad-danni, baqghet inadempjenti;

talab li din il-Qorti, ghar-ragunijiet premessi:

1. tiddikjara u tiddeciedi illi s-socjeta' The Cargo Handling Co. Ltd. hija responsabbli ghall-incident u ghad-danni subiti mis-socjeta' attrici bhala konsegwenza ta' dak l-incident;

2. tikkundanna lill-konvenuti nomine jhallsu, in linea ta' danni, is-somma ta' tminn mija u sittin lira Maltin (Lm860) lis-socjeta' attrici ghall-hsara fit-tliet "containers" ta' l-istess socjeta';

3. tillikwida, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, dawk id-danni konsistenti f'telf ta' qliegh konsegwenti ghat twaqqif tal-"containers" waqt it-tiswija taghhom;

4. tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lill-attur nomine dik is-somma li tigi hekk likwidata, in linea ta’ danni.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tad-29 ta’ Jannar 1990, u bl-interessi legali mid-data ta’ l-istess ittra ufficjali fuq l-ammont ta’ Lm860, kontra il-konvenuti nomine li huma minn issa ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijet tal-konvenuti nomine fejn qalu:

1. Illi fl-ewwel lok u preliminarjament is-socjeta’ konvenuta ma’ ghamlet l-ebda xoghol kif erronjament indikat fic-citazzjoni, izda tali xoghol mill-Haddiema tal-Port Work Scheme a bazi tal-Port Ordinance 1966.
2. Illi fit-tieni lok u bla pregudizzju ghall-premess, is-socjeta konvenuta ma’ ghandha ebda relazzjoni mas-socjeta’ Cassar & Cooper (Shipping & Insurance) Ltd., u fi kwalunkwe kaz ghandha tigi ipprovata r-rappresentanza allegata.
3. Illi fit-tielet lok u bla pregudizzju ghall premess tali operazzjoni saret mill-importatur u a spejjez tieghu ai termini tal-Artikolu 24 tal-Kap 37.
4. Illi fir-raba lok u bla pregudizzju ghall premess l-oggetti kienu gia hallew il-moll ta’ Laboratory Wharf, b’dan ghalhekk li ghall kull buon fini l-oggetti lanqas hawn ma’ kienu fil-pussess tas-socjeta’ konvenuta.

5. Illi fil-hames lok u bla pregudizzju ghall-premess ghandha tingieb prova ta’ min hallas u ghan-nom ta’ min thallsu l-allegati danni li huma fi kwalunkwe kaz esagerati u mhux dovuti stante li ma saret ebda surroga.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet tat-13 ta’ Frar 1991 fejn gie nominat l-Avukat Dottor Pierre Lofaro bhala perit legali bl-assistenza ta’ l-Inginier Nazzareno Spiteri bhala perit tekniku sabiex jirrelata dwar it-talbiet ta’ l-attur wara li jiehu konjizzjoni ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti;

Rat id-digriet tad-9 ta’ Ottubru 2001 li permezz tieghu, wara rikors tal-perit legali, gie revokat l-inkarigu ta’ l-Inginier Nazzareno Spiteri;

Rat ir-relazzjoni tal-perit legali debitament mahlufa fil-15 ta’ Jannar 2002;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

**Il-provi**

Din il-kawza tirrigwarda incident li sehh fit-30 ta' Novembru 1989 waqt li kienu qeghdin jitghabbew fuq il-vapur GRACECHURCH HARP numru ta' *containers* li kienu principalment vojta. Il-vapur imsemmi huwa ta' proprjeta` tas-socjeta` estera Gracechurch Containers Line Ltd.

Joseph Zahra, impjegat mas-socjeta` Cassar & Cooper (Shipping & Insurance) Ltd., kien fuq il-bastiment dakinhar u spjega l-procedura li tintuza biex *container* jittella' fuq il-vapur. Qal li fis-saqaf tal-*container* ezatt max-xifer ikun hemm erba' hofor, wahda f'kull kantuniera, li qeghdin biex jiehdu t-*twist locks* li jkunu mqabbdin ma' *spreader* tal-hadid li jkun imqabbad ma' *crane*. It-*twist locks* jidhlu got-toqob, jingibed habel li jillokkjahom permezz ta' *rod* billi jduru, u meta jillokkjaw ifaqqghu u tismaghhom. Huwa qal li meta gara l-incident in kwistjoni, dan kollu sar, il-*crane* refa' l-*container* u kif dar u gie fuq il-*hold* tal-vapur, il-*container* waqa' u gie fuq zewg *containers* ohra li kienu diga` tghabbew. Grat hsara fit-tlieta li huma: dak li waqa' kien ta' erbghin pied u t-tnejn l-ohra kienu ta' ghoxrin pied. Ix-xhud wara nduna li l-i*spreader* kien imzaqqaq 'l isfel u li r-*rod* li ccaqlaq it-*twist locks* kienet maghfusa mat-tghawig tal-hadid ta' l-i*spreader*.

Dak il-hin li gara l-incident, Sandro Miceli, *manager* mas-socjeta` attrici, kien riesaq lejn il-vapur u ra l-*container* jinqala' minn naha wahda u jinqala' mill-i*spreader*. Huwa ezamina mal-*foreman* tieghu l-i*spreader* u sab li kien imbewwaq 'l isfel u li meta ppruvaw il-hbula li jikkontrollaw il-*locking device* din kienet iebsa u mhux dejjem jaghlqu tajjeb. Huwa qal li biex isir ix-xoghol in kwistjoni kienu qabbdu lis-socjeta` konvenuta. Jidher li dakinhar is-socjeta` konvenuta kienu gabu *crane* ta' Bezzina biex isir ix-xoghol.

Xehed Paul Borg, *crane driver* ma' Bezzina, li qal li dakinhar kien qed isuq il-*crane* hu. Dwar l-i*spreader*, l-ewwel qal li dan kien tas-socjeta` konvenuta mbaghad li l-i*spreader* ikun mal-*crane* li juza hu.

Carmelo Cini, *foreman* ta' l-i*stevedores*, qal li wara l-incident l-i*spreader* ittiehed ghat-tiswija mill-Cargo Handling, is-socjeta` konvenuta.

L-inginier marittimu Paul Cardona tqabbad biex jezamina l-*containers* u l-i*spreader*. Dwar l-i*spreader* qal li dan kien fi stat hazin ta' manutenzjoni. Il-gnub tieghu kienu mghawgin u allura ma kienx qieghed jidhol sew sabiex jerfa' l-*containers*.

Ghas-socjeta` konvenuta xehed Tony Vella li kkonferma li l-*crane* li kien qed jintuza dakinhar kien ta' Salvu Bezzina & Sons. Qal li l-hatt ta' *containers* kien

diga` sar mill-Cargo Handling u niesha kienu diga` tel    qu minn fuq il-post. Biex jitghabbew il-*containers* vojta nzertaw l-istess nies li kienu hattew il-*containers* mimlija izda kienu tqabbdu mill-agenti tal-vapur. Ikkonferma wkoll li l-i*spreader* kien tal-Cargho Handling u kien qed jintuza minghajr l-awtorizzazzjoni tieghu. L-i*spreader* kien jiehu hsiebu hu u sa gurnata qabel kien f'kondizzjoni tajba. Wara l-incident mar jara l-i*spreader* ghand Bezzina u kkonkluda li l-incident kien gara ghax it-*twist locks* ma kinux ghalqu sew. *Spreaders* is-socjeta` konvenuta ghandha erbgha u dawn jithallew fuq il-moll fil-vicinanza tal-*crane*. Manutenzjoni ssir kontinwament taghhom.

**Ir-relazzjoni tal-perit legali**

Fir-relazzjoni tieghu l-perit legali kkunsidra l-ewwel l-eccezzjonijiet li gew sollevati mis-socjeta` konvenuta. Huwa qal hekk:

" L-EWWEL ECCEZZJONI

Din hi fis-sens illi hi "m'ghamlet l-ebda xoghol kif erronjament indikat fic-citazzjoni, izda tali xoghol sar mill-Haddiema tal-Port Work Scheme a bazi tal-Port Ordinance 1966".

Fin-nota spjegattiva taghha ppresentat fit-22 ta' Gunju 1990 s-socjeta' attrici ghamlet is-sgwenti kummenti dwar din l-eccezzjoni:-

> "Mhux allegat bl-ebda mod mis-socjeta' attrici li sar xoghol hazin mill-Haddiema tal-Port li minhabba fih setghet giet kawzata l-hsara. L-allegazzjoni attrici hi li l-attrezzatura fornita li biha kellhom jahdmu dawk il-haddiema, li certament mhix attrezzatura appartenenti lilhom jew li huma pprovdew, ma kinitx idonea u f'sikitha. Ix-xoghol kienet is-socjeta' konvenuta li intrapenditu u li tieghu baghtet il-kont (Dokument "X") liema kont gie mhallas mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta."

Illi l-uniku xhud prodott mis-socjeta' konvenuta – Tony Vella, Plant Foreman impjegat maghha – xehed illi t-tghabija ta' "containers" vojta fuq vapuri issir "mill-persuni mqabbda mill-agent tal-vapur" u illi8 l-Cargo Handling "ma tidholx" f'dan ix-xoghol. F'dan il-kaz partikolari x-xoghol ta' tghabija ta' "containers" vojta sar mis-socjeta' Salvu Bezzina & Sons Ltd. li wzat "spreader" tal-Cargo Handling minghajr ma kienet awtorizzata li tuzah. In kontro-ezami huwa qal li l-Cargo Handling gieli ghabbiet 'containers' vojta fuq vapuri ghalkemm "din mhijiex il-prattika normali". Sostna li f'dan il-kaz partikolari l-Cargo Handling ma kelliex x'taqsam ma tghabija tal-'containers' vojta li kien qieghed isir. Meta gie mistoqsi jispjega kif inhareg invoice

mill-Cargo Handling ghat-tghabija tal-'containers' vojta f'dan il-kaz, hu wiegeb:-

> "……illi l-kumpanija tigbor il-flus minghand l-agent u thallas lill-kuntrattur ghaliex ikun hemm in-nies taghha nvoluti. L-agent ma jistghax ihallas lill-kuntrattur direttament billi jkun hemm spejjez ohra bhal hlas ta' skrivani u crane drivers ohrajn u ghalhekk ihallas lil Cargo Handling u dan ihallas lill-kuntrattur sehemh. Meta l-'containers' kemm dawk li jitnizzlu kif ukoll dawk li jitghabbu jkunu vojta l-agent ihallas direttament lill-kuntrattur peress illi f'dan il-Cargo Handling ma tidhol xejn."

In sostenn tat-tezi taghha li hi nkarigat lis-socjeta' konvenuta sabiex tghabbi l-'containers' vojta fuq il-vapur, is-socjeta' attrici esebiet id-dokument X li hi allegay li hu kont mahrug mis-socjeta' konvenuta ghax-xoghol ta' tghabija de quo. Is-socjeta' konvenuta bl-ebda mod ma rribattiet li dan il-kont ma jinkludix it-tghabija tal-'containers' tas-socjeta' attrici nomine mertu ta' din il-kawza. Kull ma ntqal hu dak li xehed Tony Vella – u li gie kkwotat verbatim fil-paragrafu precedenti – li s-socjeta' konvenuta tohrog kont shih hi u imbaghad tqassam il-flus li tigbor hi lil min jispetta. Fi ftit kliem Tony Vella qal li l-fatt li l-Cargo Handling tohrog kont ma jfissirx li x-xoghol kollu jkun sar minnha jew minn persuni mqabbda minnha.

Fuq dan il-punt ix-xhieda prodotti mis-socjeta’ attrici qalu hekk:-

- **<u>Joseph Zahra - i</u>**mpjegat bhala skrivan mis-socjeta’ Cassar & Cooper (Shipping Insurance) Ltd. – qal li x-xoghol sar mill-Cargo Handling li “jahsbu ghall-apparat li hemm bzonn”.
- **<u>Sandro Miceli</u>** – impjegat bhala Manager mas-socjeta’ Cassar & Cooper (Shipping & Insurance) Ltd. – qal li “ghal dan ix-xoghol konna qabbadna lil Cargo Handling. Dejjem lil Cargo Handling inqabbdu. Allavolja kienu vojta l-‘containers’ … Il-crane tal-Cargo Handling kien bil-hsara u ghalhekk kienu gabu l-crane ta’ Bezzina. Jiena ma kellix x’naqsam ma’ Bezzina dak in-nhar. Qatt ma hallastu u qatt ma qabbattu lil Bezzina”. In kontro-ezami hu rega sostna dan kollu u zied ighid li ghalkemm jaf li l-Cargo Handling ghandha dritt tirrifjuta li thott ‘containers’ vojta hu dejjem uza lil Cargo Handling ghal dan ix-xoghol.**<u>Paul Borg</u>** xehed li hu kien il-crane operator dak in-nhar li gara l-incident. Ippreciza: :Jiena crane operator ma Bezzina illi hija sub contractor tal-Cargo Handling”.

Illi mill-kumpless tal-provi prodotti, l-esponenti jissottometti illi l-versjoni tas-socjeta’ attrici hija l-wahda vertiera u cioe’ li ghattghabija tal-‘containers’ de quo hija kienet qabdet lis-socjeta’ konvenuta sabiex taghmel dan ix-xoghol. Fil-verita fl-eccezzjoni taghha s-socjeta’ konvenuta ma qalitx li x-xoghol sar minn Bezzina (dan qalu biss ix-xhud prodott minnha Tony Vella) imma li sar

mill-Haddiema tal-Port Work Scheme a bazi tal-Port Ordinance 1966. Provi biex issostni in-nuqqas ta' responsabilita' taghha a tenur ta' din l-eccezzjoni specifikataghha, is-socjeta' konvenuta ma gabet xejn.

Ghaldaqstant l-esponenti jissottometti bir-rispett kollu illi din l-eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta ghandha tigi respinta.

**IT-TIENI ECCEZZJONI**

Din taqra hekk: "Illi…s-socjeta' konvenuta ma ghandha ebda relazzjoni mas-socjeta' Cassar & Cooper (Shipping & Insurance) Ltd., u fi kwalunkwe kaz ghandha tigi ppruvata r-rappresentanza allegata".

Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha tat-22 ta' Gunju 1990, fuq dan il-punt, is-socjeta' attrici qalet:-

"Minn imkien mill-att ta' citazzjoni ma johrog li qed jinghad illi hemm xi relazzjoni bejn is-socjeta' konvenuta u s-socjeta' Cassar & Cooper (Shipping & Insurance) Ltd. Din is-socjeta' qeghda taghmel din il-kawza f'isem u in rappresentanza tas-socjeta' estera Gracechurch Containers Ltd. U mhux f'isimha, u din is-socjeta' estera hija sid il-'containers' in kwistjoni, u lil din is-socjeta' estera hadmet is-socjeta' konvenuta u minnha thallset tax-xoghol

tal-irfiegh: Ghalhekk din is-socjeta' ghandha azzjoni kontra s-socjeta' konvenuta."

U tabilhaqq hekk hu. Is-socjeta' Cassar & Cooper (Shipping & Insurance) Ltd. F'din il-kawza mhijiex qeghda tagixxi f'isimha proprju imma ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' estera Gracechurch Containers Line Ltd. U ghalhekk l-eccezzjoni li "s-socjeta' konvenuta ma ghandha ebda relazzjoni mas-socjeta' Cassar & Cooper (Shipping & Insurance) Ltd. Hi ghal kollox barra minn lokha ghaliex is-socjeta' Cassar & Cooper (Shipping & Insurance) Ltd. Mhijiex parti fil-kawza.

Ghar-rigwad it-tieni parti tat-tieni eccezzjoni u cioe' illi "fi kwalunkwe kaz ghandha tigi ppruvata r-rappresentanza allegata" din irrisultat mill-provi prodotti mis-socjeta' attrici inkluz mix-xhieda tal-Manager taghha Sandro Miceli li fis-seduta tat-18 ta' Gunju 1999 xehed:-

> "Ahna agenti tal-Gracechurch Container Line li hija l-propjetarja tal-vapur Gracechurch Hart. Ahna konna nvoluti bhala agenti kemm fir-rigward il-hatt (li kien mimli) kif ukoll tas-sussegwenti tghabija (li kienet vojta ghajr xi 'container' mimli)".

Illi ghal dawn ir-ragunijiet l-esponenti jissottometti illi anki t-tieni eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta ghandha tigi respinta.

IT-TIELET ECCEZZJONI

Permezz ta' din l-eccezzjoni s-socjeta' konvenuta qeghda ssostni li "tali operazzjoni saret mill-importatur u a spejjez tieghu ai termini tal-Artikolu 24 tal-Kap. 37".

Dwar din l-eccezzjoni s-socjeta' attrici kkomentat hekk fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha fuq imsemmija:-

> "Wiehed din l-eccezzjoni ma jistghax jifimha! L-importatur meramnet jiehu konsenja tal-merkanzija kontenuta fil-'container' u certament ma jintraprendix la tnizzil ta' 'containers' mimlija u lanqas taghbija tal-vojt".

Illi k-artikolu citat mis-socjeta' konvenuta fit-tielet eccezzjoni taghha u cioe' l-artikolu 24 ta' l-Ordinanza dwar id-Dwana jghid:-

> "Bla hsara ta' dak li xort'ohra jiddisponu ligijiet ohra, il-hatt, il-garr u l-izbark ta' oggetti, u l-garr taghhom ghall-lok iddestinat ghall-ezami u l-uzin, it-tqeghid taghhom fil-mizien, il-ftuh, hall, ippakkjar mill-gdid,

l-istivar, il-ghazil, it-taqsim f'lottijiet, il-markar u n-numerar ta' l-oggetti meta l-operazzjoni l-wahda jew l-ohra tkun mehtiega jew permessa, kif ukoll il-garr u t-tqeghid taghhom fil-lok fejn ghandhom jigu ddepositati saz-zmien tal-konsinna, ghandhom isiru mill-importatur jew ghas-spejjez tieghu."

Illi dan il-kaz partikolari ma kienx kaz ta' importazzjoni li ghalih japplika l-imsemmi artikolu 24 imma wiehed ta' re-esportazzjoni ta' 'containers' vojta. Illi oltre dan l-artikolu 24 ma jfissirx illi jekk l-importatur iqabbad lil terzi sabiex haghmlulu x-xoghol imsemmi fih dawn it-terzi ma jkunux responsabbli jew ma jghamlux xogholhom sew.

Illi ghalhekk it-tielet eccezzjoni ghandha tigi respinta.

IR-RABA' ECCEZZJONI

Din hi fis-sens "illi …l-oggetti kienu gia hallew il-moll ta' 'Laboratory Wharf', b'dan ghalhekk li ghal kull buon fini l-oggetti lanqas hawn ma kienu fil-pussess tas-socjeta' konvenuta".

Dwar din l-eccezzjoni s-socjeta' attrici ssottomettiet dan li gej fin-nota tat-22 ta' Gunju 1990:-

> "Il-'container' kien ghadu, ezatt qabel ma waqa', maqbud mal-"crane" provduta mid-ditta konvenuta, u dan il-"crane" kien, dak il-hin, zgur ghadu fuq il-bankina, ghalhekk sakemm inqata' u waqa' kien maqbud ma, cioe' fil-pussess ta' attrezzatura tal-kumpannija konvenuta jew li biha kienet qed tinqeda".

Sincerament l-esponenti ma jistghax jifhem kif din ir-raba' eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta tinkwadra ruhha mal-premessi u t-talbiet tac-citazzjoni attrici u mall-provi li rrizultaw. Il-kawza tirrigwarda allegat nuqqas da parti tas-socjeta' konvenuta li tesegwixxi sew inkarigu li tghabbi 'containers' fuq vapur, nuqqas li sehh proprju meta wiehed minn dawn il-'containers' kien qieghed jitghabba. Il-kawza ma tikkoncernax oggetti li hallew il-moll ta' Laboratory Wharf.

Ir-raba' eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta ghandha, ghal din ir-raguni, tigi respinta.

IL-HAMES ECCEZZJONI

Din tghid "Illi …ghandha tingieb il-prova ta' min hallas u ghan-nom ta' min thallsu l-allegati danni li huma fi kwalunkwe kaz esagerati u mhux dovuti stante li ma saret l-ebda surroga".

Dwar din l-eccezzjoni s-socjeta' attrici osservat is-segwenti fin-nota taghha tat-22 ta' Gunju 1990:

> "Il-kumpannija attrici mhux biss hallset il-hsara, kif jidher mill-kopja tar-ricevuta hawn annessa, Dokument XI, izda qabel ma giet imsewwija u mhallsa l-hsara gie konsultat "surveyor" li mhux biss ghamel deskrizzjoni tal-hsara, izda ddeskriva wkoll dettaljatament il-kondizzjoni ta' li "spreader" in kwistjoni, ghamel stima tal-hsara, u kien skond din l-istima li sar xoghol ta' tiswija, u l-kumpannija konvenuta giet invitata, b'itra tad-29 ta' Jannar, 1990 (Dok. X2) biex tigi tezamina r-relazzjoni tas-"surveyor" u r-ritratti ta' lis-"spreader" u tal-'containers', maghha nigjuba, liema relazzjoni qeghda tigi hawn esibita bhala Dokument X3".

Peress illi din il-hames eccezzjoni hi intrinsikament marbuta mat-talbiet attrici l-esponenti ser jezamina fil-parti li jmiss fejn se jikkunsidra jekk is-socjeta' attrici rnexxilix tipprova t-talbiet taghha."

Il-perit legali mbaghad ghadda biex jikkunsidra t-talbiet attrici:

“L-EWWEL TALBA

F’din it-talba s-socjeta’ attrici qeghda titlob li jigi dikjarat u deciz illi s-socjeta’ The Cargo Handling Co. Ltd. Hija responsabbli ghall-incident u ghad-danni subiti mis-socjeta’ attrici bhala konsegwenza ta’ l-incident de quo.

Irrizulta illi:-

- Illi s-socjeta’ Cassar & Cooper (Shipping & Insurance) Ltd. Fil-kwalita’ taghha ta’ agent tas-socjeta’ estere Gracechurch Containers Line Ltd. Inkarigat lis-socjeta’ konvenuta sabiex tghabbi ‘containers’ fuq il-bastiment “Gracechurch Harp”.
- Illi waqt illi s-socjeta’ konvenuta kienet qeghda tesegwixxi dan l-inkarigu u precizament waqt li kienet qeghda tghabbi ‘container’ tal-40 pied propjeta tas-socjeta’ attrici dan waqa u gie fuq zewg ‘containers’ ta’ l-20 pied ukoll propjeta’ ta’ l-istess socjeta’ estera li diga kienu go l-istiva tal-vapur.
- Illi b’risultat ta’ dan l-incident it-tlett ‘containers’ gralhom il-hsara.
- Illi mill-provi mhux kontradetti rrisulta li l-ispreader li kien qieghed jintuza mis-socjeta’ konvenuta sabiex jaqbad il-‘containers’ li kienu fuq il-moll u jghabbihom fuq il-vapur, liema spreader kien ukoll propjeta tas-socjeta’ konvenuta, kien fi kliem is-surveyor Paul L. Cardona, in an “extremely poor

condition” u l-incident gara propju minhabba f’din il-kondizzjoni ta’ l-ispreader – ara s-survey report a fol 15 f’din il-kondizzjoni ta’ l-ispreader – are s-survey report a fol 15 et seq tal-process u b’mod partikolari l-ahhar paragrafu a fol 17.

Ili s-socjeta’ konvenuta kellha l-obbligu li tuza makkinarju u ghodda li jkunu f’kondizzjoni tajba u adatti ghax-xoghol li kienet taghmel u ghalhekk fic-cirkostanzi ma tistax tiskarta mir-responsabilita ghall-incident de quo u ghad-danni li sofriet is-socjeta’ attrici estera b’risultat ta’ l-istess incident.

L-esponenti hu ghalhekk tal-fehma illi l-ewwel talba tas-socjeta’ attrici ghandha tigi milqugha.

IT-TIENI TALBA

Din hi fis-sens illi s-socjeta’ konvenuta tigi kkundannata thllas lis-socjeta’ attrici estera in linea ta’ danni, is-somma ta’ Lm860 ghall-hsara li garbu t-tlett ‘containers’ ta’ l-istess socjeta’ estera.

Illi qabel ma sewwiet dawn il-‘containers’ is-socjeta’ attrici kkommissjonat survey, liema survey jinsab esibit a fol 15 et seq tal-process. F’dan is-survey intqal li sabiex jissewwew it-tlett ‘containers’ kienet tinhtieg is-somma ta’ Lm840. Fil-fatt irrisulta li l-‘containers’ issewwew bil-prezz ta’ Lm860.

Fic-cirkostanzi u fin-nuqqas ta' prova kuntrarja ghar-rigward il-prezz tat-tiswija tal-'containers' de quo da parti tas-socjeta' konvenuta, it-tieni talva tas-socjeta' attrici tidher li hija gustifikata u ghalhekk ghandha tigi milqugha.

IT-TIELET U R-RABA TALBA

Is-socjeta' attrici qeghda hawnhekk titlob li jigu likwidati dawk id-danni konsistenti f'telf ta' qliegh minn nuqqas ta' uzu tat-tlett 'containers', konsegwenti ghat-twaqqih tal-'containers', waqt it-tiswija taghhom u li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallasha din is-somma hekk likwidata.

Fis-seduta tal-25 ta' Mejju 2000 ix-xhud Sandro Miceli qal:-

> "Il-loss of use tal-container hija zewg liri per unit ghal container ta' l-ghoxrin pied u erba' liri per unit ghall-container ta' erbghin pied. Il-unit huwa l-container u ghalhekk container ta' ghoxrin pied jinkera zewg liri kuljum, wiehed ta' erbghin pied jinkera erba' liri kuljum".

Ma ngabet ebda prova li tikkuntradixxi dan.

Fid-dokument li Sandro Miceli ppresenta ma l-affidavit ta' l-24 ta' Lulju 2000 u liema dokument jikkonsisti fr'ittra mibghuta lil Cassar & Cooper mis-socjeta' CR Ltd. Li sewwiet it-tlett 'containers' insibu:

> "With reference to the containers in caption please note that duration of work was three weeks. However, these 'containers' were received approximately between 3rd December 1989 and re-delivered on the 9th March 1990. The delay in repairs occurred due to the festive season Dec/Jan to obtain confirmation from all concerned".

Illi l-incident gara fit-30 ta' Novembru 1989 u ghalhekk billi ma ngabet l-ebda prova li s-socjeta' konvenuta kellha xi tort fid-dewmien tat-tiswja tal-'containers' de quo l-esponenti ma jhossx illi ghandu jikkalkula d-danni fuq il-perjodu li ddekorra bejn l-1 ta' Dicembru 1989 u 9 ta' Marzu 1990.

L-esponenti jidhirlu li gimgha sabiex isir is-survey u jingabu l-konfermi ghat-tiswija hija aktar minn sufficjenti. Dan ifisser li x-xoghol ta' tlett gimghat setgha jinbeda fid-9 ta' Dicembru 1989 u jieqaf hmistax wara fit-23 ta' Dicembru ghall-hmistax il-gurnata vaganzi u l-ahhar gimgha xoghol issir bejn is-7 u l-14 ta' Jannar 1990 – b'hekk in-numru ta' granet involuti ghal fini ta' kalkolu ta' danni ghal 45 jum (31 f'Dicembru 1989 u 14 f'Jannar 1990).

Isegwi ghalhekk li t-telf fir-rigward taz-zewg ‘containers’ ta’ l-20 pied kien ta’ 45 (jum) x Lm2 u cioe’ Lm90 ghal kull ‘container’ filwaqt illi ghar-riqward il-‘container’ ta’ l-40 pied it-telf li sofriet is-socjeta’ attrici estera kien 45 (jum) x Lm4 u cioe’ Lm180.

It-tielet u r-raba talba ghalhekk ghandhom, fl-opinjoni umli ta’ l-esponenti, jigu milqugha u s-socjeta’ konvenuta ghadha tiggi kkundannata thallas lis-socjeta’ attrici nomine is-somma ta’ Lm360 ghall-“loss of use” tat-tlett ‘containers’ de quo.”

Minn ezami li ghamlet il-Qorti tal-provi kollha mressqa f’din il-kawza, hija tal-fehma li l-perit legali ghamel apprezzament tajjeb u korrett taghhom u ghaldaqstant tikkondividihom pjenament.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijet tas-socjeta` konvenuta, tilqa’ t-talbiet attrici, u ghalhekk:

(1) tiddikjara li s-socjeta’ konvenuta The Cargo Handling Co. Ltd. hija responsabbli ghall-incident u ghad-danni subiti mis-socjeta` attrici

Gracechurch Containers Line Ltd. kif rapprezentata, bhala konsegwenza ta' l-incident in kwistjoni,

(2) tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attur nomine in lineja ta' danni ghall-hsara fit-tliet *containers* is-somma ta' tmien mija u sittin liri maltin (Lm860) bl-imghax mid-data tan-notifika tac-citazzjoni,

(3) tillikwida d-danni konsistenti f'telf ta' qliegh konsegwenti ghat-twaqqif tal-*containers* waqt it-tiswija taghhom fis-somma ta' tliet mija u sittin liri Maltin (Lm360),

(4) tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attur nomine din is-somma hekk likwidata ta' tliet mija u sittin liri maltin (Lm360) bl-imghax millum.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta.

**ONOR. IMHALLEF**

**DR. DAVID SCICLUNA** **D/REGISTRATUR**